**GHAWDEX**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**MR. JAMES HENRY PEARSALL**

**Illum 15 ta' Ottubru 2015**

**Rikors Numru 8/2013**

**Valerie Harse li ghandha karta ta' l-identita numru 108362 A**

**Vs**

**L-Awtorita` ghat-Trasport f' Malta**

**u**

**Transfer of Residence Exemption Board fi hdan il-Ministeru tal-Finanzi u ghalhekk l-istess Ministeru**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Valerie Harse** ipprezentat fid-29 ta' Ottubru 2013 li permezz tieghu ippremettiet is-segwenti:-

*"Illi b'ittra tad-9 ta' Ottubru 2013 (annessa u mmarkata MS1), l-esponenti giet imgharrfa li l-Bord mahtur biex jevalwa l-applikazzjoni taghha biex il-vettura taghha tal-ghamla Mercedez SLK230 bin-numru Y28 VAL tigi ezentata mill-hlas tat-taxxa tar-registrazzjoni*

*taht il-Kap. 368 tal-Ligijiet ta' Malta ma kinitx giet accettata billi t-talba saret aktar minn tletin jum wara li l-vettura taghha kienet waslet Malta ;*

*Illi l-esponenti hasset ruhha aggravata minn din id-decizjoni billi l-Bord naqas li jiehu kunsiderazzjoni ta' cirkostanzi li avverraw ruhhom fil-perjodu preskritt u li fuqhom l-esponenti ma kelliex kontroll cioe cirkostanzi li sehhew fil-perjodu bejn iz-zmien li l-vettura kienet dahhlet f' Malta u z-zmien li fih saret l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni, u huma tali fl-umli fehma tal-esponenti, li kellhom iwasslu lill-Bord jiggustifika l-kaz taghha u jikkunsidra favorevolment it-talba taghha ;*

*Illi l-esponenti qeghdha ghalhekk tintavola umili appell minn din id-decizjoni quddiem dan it-Tribunal a tenur tal-artikolu 4 (11) ta' S.L. 368.01 u fit-termini tal-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta. L-aggravju huwa bazikament wiehed li fil-perjodu bejn il-gurnata meta waslet f' Malta l-vettura taghha u meta saret l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni l-esponenti kellha incident serju ghal habta ta' nofs Lulju 2013 u soffriet ksur u ghal xi zmien kellha l-mobilita ferm ristretta u ma kienetx tohrog mid-dar. Il-Bord kellu diskrezzjoni li jikkunsidra dawn ic-cirkostanzi la darba l-kundizzjonijiet l-ohra li titlob il-ligi kienu gew sodisfatti kollha ;*

*Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f' dan li gej :-*

*Minhabba l-incident serju li kellha r-rikorrenti ghal habta ta' nofs Lulju 2013, wara li rritornat lura Malta, hi kellha l-mobilita taghha ferm ristretta u kienet fl-impossibilita fizika li tottjeni d-dokumentazzjoni kollha mehtiega biex tissottometti l-applikazzjoni taghha tempestivament. L-applikazzjoni giet sottomess fid-Dipartiment tal-Licenzji f' Ghawdex fit-13 ta' Awwissu 2013, u hadet mhux inqas minn sittax il-gurnata biex waslet u giet registrata Malta fil-Ministeru tal-Finanzi. Qieghed jigi esebit certifikat mediku mahrug mill-konsulent ortopediku Mister Ray Aquilina li opera lir-rikorrenti. Iz-zmien ta' xahar preskritt mill-ligi mhux wiehed perentorju u teknikament jista jerga jibda jiddekorri jekk il-vettura terga tinhareg minn Malta u tiddahhal lura u ssir talba mill-gdid. Il-ligi taghti lill-Bord diskrezzjoni u flessibilita meta jigi biex jevalwa applikazzjonijiet maghmula ghall-ezenjoni wisq aktar meta l-kundizzjonijiet l-ohra jkunu gew sodisfatti.*

*Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet u ghal dawk ir-ragunijiet kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-esponenti jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jirrevoka d-decizjoni tal-Bord komunikata lir-rikorrenti bl-avviz tad-9 ta' Ottubru 2013, fuq indikata, u jawtorizza d-debita ezenzjoni mitluba."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** epprezentata fit-8 ta' Novembru 2013 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

1. *"Illi in linea preliminari, l-Awtorita esponenti mhix il-legittimu kontradittur f' din il-kawza u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana peress illi kwalunkwe decizjoni mehuda in konnessjoni mal-applikazzjoni tar-rikorrenti ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ttiehdet unikament mill-Ministeru responsabbli mill-Finanzi u in oltre l-Awtorita esponenti m'ghandha ebda sehem la fil-konsiderazzjonijiet u lanqas fid-decizjonijiet ta' tali talbiet ghall-ezenzjoni.*

*Ghaldaqstant l-Awtorita rispodenti ghandha tigi liberata ab observantia bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.*

2. *Illi preliminarjament ukoll l-intimat l-iehor 'Transfer of Residence Exemption Board' mhuwiex il-legittimu kontradittur stante li dan l-appell qed isir minn decizjoni moghtija minn tali Bord izda m'ghandux jigi intavolat kontra l-Board innifsu li huwa entita kwazi-gudizzjarja izda kontra l-entita amministrattiva ossija ezekuttiva li hadet id-decizjoni originali li minnha sar l-Appell quddiem il-Board intimat u issa quddiem dan l-Onorabbli Tribunal, u cioe l-Ministeru responsabbli ghall-Finanzi.*
3. *Illi ghaldaqstant dan l-appell huwa ghal kollox monk u ma jreggix ghaliex gie intavolat kontra zewg entitajiet li t-tnejn mhumiex il-legittimi kontradditturi u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju filwaqt li ma giex intavolat ukoll kontra l-entita li effettivament kellha tigi citata in gudizzju u cioe l-Ministeru responsabbli mill-Finanzi u ghalhekk dan l-appell ghandu jigi sommarjament respint.*
4. *Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrent kontra l-Awtorita esponenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi r-rikorrenti ma tissodisfax ir-rekwiziti stabbiliti fl-artikolu 4 tal-Avviz Legali Numru 6 tas-sena 2012 sabiex tkun ezentata mill-hlas tax-taxxa ta' registrazzjoni u dan kif ser jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell.*
5. *Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana peress illi d-decizjoni in kwistjoni hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata u l-aggravji tal-appellanti huma minghajr ebda bazi legali, infondati u insostenibbli. Dan ghaliex jekk minhabba problemi ta' nuqqas ta' mobilita l-appellanti ma setghetx tmur hi stess personalment biex tissottometti l-applikazzjoni taghha tempestivament (xi haga li qajla hija kredibbli ghax b' mod jew iehor zgur li jekk ikun irid jirnexxielu jaghmel dan) l-appellant setghet facilment tat mandat lil xi hadd biex jaghmel dan ghan-nom taghha u l-applikazzjoni b' hekk setghet facilment tigi sottomessa tempestivament. Ghaldaqstant l-appell intavolat mhux biss huwa infondat izda addirittura frivolu u vessatorju."*

Ra r-risposta tat-**Transfer of Residence Exemption Board** ipprezentata fil-15 ta' Novembru 2013 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

1. *"Illi in linea preliminari, l-esponent m' huwiex legittimu kontradittur u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*
2. *Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur huwa zbaljat meta jghid illi 'l-applikazzjoni giet sottomess fid-dipartiment tal-licenzji f'Ghawdex fit-13 ta' Awwissu 2013' u dan stante illi l-applikazzjoni hija datata 13 ta' Awwissu 2013 (liema dokument huwa kollu kemm hu hawn anness u mmarkat bhala Dok MF1), izda kif juri d-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok MF2, l-applikazzjoni giet sottomessa fid-19 ta' Awwissu 2013.*
3. *Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, mid-dikjarazzjoni tar-rikorrenti fl-applikazzjoni minnha sottomessa jirrizulta illi hija trasferit r-residenza taghha f' Malta fl-10 ta' Lulju 2013 u l-vettura waslet f' Malta fl-istess gurnata.*

4. *Illi l-attrici applikat ghal ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni tal-vettura taghha tal-marka Mercedes fit-13 ta' Awwissu 2013.*
5. *Illi l-applikazzjoni tal-intimata giet michuda stante illi hija ma ssodisfatx il-kriteri taht ir-Regolament 4 (3) (e) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01, Regoli dwar Ezenzjoni mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur u cioe*

> *jekk il-vettura tkun diga waslet f' Malta, l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ghandha ssir fuq il-formola preskritta mill-persuna lit kun qieghda tittrasferixxi r-residenza taghha fi zmien tletin gurnata minn meta l-vettura waslet Malta.*

*Ghaldaqstant, it-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghadhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha."*

Sema' x-xhieda ta' Mr. Raymond Aquilina,[1] ta' Joan Spiteri,[2] ta' Joseph Mifsud,[3] ta' Audrienne Callus Randich[4]

Ra l-affidavit[5] u l-kontro-ezami tar-rikorrenti; [6]

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Rat il-verbal tat-12 ta' Dicembru 2013 fejn wara li r-rikorrenti talbet korrezzjoni fl-okkju din giet akkolta u konsegwentement il-Bord intimat irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-intimati;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassitha aggravata b'decizjoni mahruga mit-*Transfer of Residence Exemption Board* (iktar 'il quddiem imsejjah "Il-Bord") datata 9 ta' Ottubru 2013 li permezz taghha giet mgharrfa bis-segwenti:-

---

[1] A fol. 25 sa 26
[2] A fol. 27 sa 30, a fol. 35 sa 47, a fol. 95 sa 99 u a fol. 116 sa 117
[3] A fol. 112
[4] A fol. 125 sa 127
[5] A fol. 92 sa 93
[6] A fol. 131 sa 143

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01)*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 6 of 2012 under rule 4(3)(e) "if the vehicle has already arrived in Malta, the application for exemption is made by the person transferring his residence within thirty days from the arrival of the vehicle in Malta."*

*You have the right to appeal from this decision, within 21 days from the date of this decision, before the Administrative Review Tribunal in accordance with the provisions of the Administrative Justice Act (Cap. 490) and regulations in terms of the Act. A copy of this procedure is attached.*

*For this purpose, unless you intend to appeal, the temporary permit issued on 11th December, 2012, is being, hereby, revoked."*[7]

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-bazi tar-rifjut tal-Bord tinsab fir-Regolament 4 (3) (e) tal-Avviz Legali 6 tal-2012 li jghid is-segwenti:-

***"(3) Biex vettura tkun tista' tikkwalifika ghall-ezenzjoni taht is-subregola (1):***

***(e) jekk il-vettura tkun diga` waslet f'Malta, l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ghandha ssir fuq il-formola preskritta mill-persuna li tkun qieghda tittrasferixxi r-residenza taghha fi zmien tletin gurnata minn meta l-vettura tkun waslet Malta."***

Illi **r-rikorrent** xehdet illi hija waslet Ghawdex fl-10 ta' Lulju 2013. Tghid li fil-15 ta' Lulju 2013 hija marret fl-ufficini tal-Licenzji gewwa Ghawdex biex tirranga l-affarijet fir-rigward tal-vettura. Hija giet riferuta biex tkellem lil Joan Spiteri li pero` dak il-hin ma kinitx hemm u ghalhekk giet moghtija l-parir sabiex iccempel biex taghmel appuntament maghha. Hija stqarret illi damet sitt ijiem tipprova tikkomunika ma' Joan Spiteri sakemm fit-22 ta' Lulju 2013 inghatlha n-numru cellulari tal-istess Spiteri u kkomunikat maghha fejn Spiteri infurmata biex iccemplilha l-ghada peress li kienet fi triqitha lejn Malta. Eventwalment hija giet mitluba sabiex fil-25 ta' Lulju 2013 tiehu l-vettura gewwa l-*heliport* fejn saret spezzjoni tal-vettura u giet mitluba sabiex tiehu xi dokumentazzjoni fl-ufficju ta' Spiteri. Hija giet ukoll mgharrfa li kellha ghoxrin (20) gurnata minn dakinhar sabiex tipprezenta l-applikazzjoni taghha. Gara illi fit-30 ta' Lulju ir-rikorrenti kisret idejha u kellha xi griehi f'daharha u poggewha fil-gibs, liema gibs gie mnehhi fil-11 ta' Settembru 2013. Tkompli tistqarr li minkejja d-diffikultajiet kbar li kellha, fit-12 ta' Awissu 2013 hija

[7] Dok MS1 a fol. 5

kellha d-dokumenti kollha f'idejha u giet moghtija appuntament minn Joan Spiteri ghall-ghada 13 ta' Awissu 2013 fejn issottomettiet id-dokumenti kollha necessarji. Tistqarr illi eventwalment irceviet ir-rifjut tal-applikazzjoni taghha ghaliex kienet ipprezentata erbat ijiem tard. Ir-rikorrenti ssostni li hija kienet giet informata li kellha sal-14 ta' Awissu 2013 sabiex tissottometti l-applikazzjoni taghha u ghalhekk giet zgwidata jew inghatat informazzjoni mhux korretta. Mistoqsija kemm-il formola imliet, ir-rikorrenti stqarret li imliet formola wahda li kienet nizzlet minn fuq l-*internet* pero` irrizultalha li din kienet formola zbaljata u ghalhekk meta marret fl-ufficini ta' Transport Malta kienet inghatat formola ohra li mliet dak il-hin stess. Tghid li meta imliet l-applikazzjoni hija ma kellha l-ebda hjiel li qed tapplika ghall-ezenzjoni.

Illi fil-kontro-ezami kondott mid-difensur tal-Awtorita` intimata r-rikorrent stqarret illi hija imliet l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni meta marret bid-dokumenti kollha rikjesti minn Joan Spiteri. Tistqarr ukoll illi kienet l-istess Spiteri li infurmatha li kellha ghoxrin (20) gurnata biex tissottometti l-applikazzjoni. Tghid illi hija ma kinitx taf li setghet tigi ezentata mit-taxxa ta' registrazzjoni u li saret taf meta hadet id-dokumenti kollha fl-ufficju ta' Spiteri. Tghid li l-interess taghha kien li tirregistra l-vettura ghax l-assigurazzjoni li kellha fir-Renju Unit kienet se tiskadi f'Ottubru.Tghid li qabel ma waslet Malta bil-vettura hija ma ghamlet l-ebda indagni dwar l-ezenzjoni tat-taxxa.

Illi fil-kontro-ezami kondott mid-difensur tal-Ministeru intimat ir-rikorrenti stqarret illi hija ma taghtx kaz ta' x'kien hemm miktub fil-parti ta' fuq tal-applikazzjoni pero` hija kemm imliet id-dettalji rikjesti u ssottomettiet l-applikazzjoni. Tistqarr illi hija kienet tkellmet biss ma' Joan Spiteri u ma tkellmet ma' hadd mill-Ministeru intimat.

**Mr. Ray Aquilina**, xehed illi huwa Kirurgu fil-qasam tal-Ortopedija. Jistqarr illi fit-30 ta' Lulju 2013 ir-rikorrenti kienet kisret il-polz u kellu jsir il-gibs, liema gibs gie mnehhi xi hames jew sitt gimghat wara u li waqt li r-rikorrent kienet bil-gibs ma setghetx issuq.

**Joan Spiteri**, xehdet illi hija Ufficjal Principali mal-Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta u l-Kap tas-Sezzjoni fl-ufficini tal-istess Awtorita` gewwa Ghawdex. Mistoqsija minn meta jibdew jghaddu t-tletin gurnata biex persuna tapplika ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni hija wiegbet li dawn jibdew jghaddu minn meta l-vettura tasal hawn Malta. Tistqarr li fl-applikazzjoni kif kienet meta applikat ir-rikorrenti ma kienx hemm imsemmi dan it-terminu ta'

tletin (30) gurnata u dan seta' zgwida lir-rikorrenti u anke lilhom bhala ufficjali tal-Awtorita`. Tkompli tghid li l-verzjoni l-gdida tal-applikazzjoni hemm imnizzel b'ittri grassi li l-istess applikazzjoni trid tigi sottomessa fi zmien tletin (30) gurnata. Mistoqsija jekk meta r-rikorrenti marret il-*heliport* bil-vettura taghha hija kinitx infurmatha li riedet tissottometti l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni fi zmien tletin (30) gurnata tghid li le, ghaliex lanqas hija ma kienet infurmata fuq hekk.

**<u>Joseph Mifsud</u>** xehed li huwa *Assistant Technical Manager* mal-Awtorita` intimaa. Huwa stqarr illi l-vettura tar-rikorrenti giet spezzjonata gewwa l-*heliport* ta' Ghawdex fil-25 ta' Lulju 2013.

**<u>Audrienne Callus Randich</u>**, Direttur mal-Ministeru intimat u membru tal-Bord, spjegat illi l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni tigi sottomessa ghand l-Awtorita` intimata u wara tigi mghoddija lill-Bord. Tispjega li t-terminu ta' tletin (30) gurnata entro liema trid tigi sottomessa l-applikazzjoni huwa terminu indikat fil-ligi u fil-applikazzjoni stess. Ix-xhud esebiet ukoll applikazzjoni identika ghal dik li ssottomettiet ir-rikorrenti pero` mhux mimlija minn fejn jirrizulta li fuqha hemm imnizzel li l-applikazzjoni trid tigi sottomessa fi zmien tletin (30) gurnata minn meta l-vettura tasal hawn Malta.[8]

**Ikkunsidra:**

Illi maghmul dan ir-riassunt tax-xhieda, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-ewwel ma ghandha tigi indirizzata hija l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u cioe` li l-istess Awtorita` mhix il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana peress li l-applikazzjoni giet deciza unikament mill-Ministeru responsabbli mill-Finanzi u mhux mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta.

Illi t-Tribunal jirrileva illi huwa car daqs il-kristall li l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u l-Ministeru tal-Finanzi huma zewg entitajiet separati u distinti minn xulxin. L-entita` li skond il-Ligi hija mghonija bil-poter li takkorda l-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni ta' vetturi huwa l-Ministru ghall-Finanzi, liema poter gie delegat lit-*Transfer of Residence Exemption Board* permezz ta' artikolu 19 (2) (d) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01. L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta

---

[8] Dok AC1 a fol. 128

m'ghandha l-ebda poter tiddeciedi jekk vettura tikkwalifikax jew le ghall-ezenzjoni pero` l-istess Awtorita` trid timxi abbazi ta' dak deciz mill-imsemmi Bord. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita` intimata ghandha ragun fl-ewwel eccezzjoni taghha u ghalhekk se jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi sorvolata din il-kwistjoni, it-Tribunal se jinvesti issa l-mertu proprju tal-appell odjern fejn il-vertenza principali ddur mal-fatt jekk it-*Transfer of Residence Exemption Board* (il-Bord) kienx gustifikat meta cahad l-applikazzjoni tar-rikorrenti abbazi tal-fatt li ma gietx sottomessa entro tletin (30) gurnata.

Illi ai termini ta' Regolament 4 (3) (e) tal-Avviz Legali 6 tal-2012 "***Biex vettura tkun tista' tikkwalifika ghall-ezenzjoni taht is-subregola (1):***

***(e) jekk il-vettura tkun diga` waslet f'Malta, l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ghandha ssir fuq il-formola preskritta mill-persuna li tkun qieghda tittrasferixxi r-residenza taghha fi zmien tletin gurnata minn meta l-vettura tkun waslet Malta."***

Illi bhala fatti ma jidhirx li hemm wisq kontestazzjoni. Mill-applikazzjoni mimlija mir-rikorrenti jirrizulta illi hija ddikjarat li hadet **ir-residenza taghha f'Malta fl-10 ta' Lulju 2013** u li l-**vettura waslet f'Malta fl-istess data**.[9] Illi t-Tribunal jirrileva illi filwaqt li fir-rikors promutur ir-rikorrenti tishaq illi l-applikazzjoni taghha kienet tardiva ghaliex kellha incident li impediha li twassal l-applikazzjoni fil-hin, fil-mori ta' dawn il-proceduri hija sostniet li giet ukoll zgwidata minn ufficjal tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta li qaltilha li kellha zmien ghoxrin gurnata minn meta saret l-ispezzjoni tal-vettura, u cioe` l-25 ta' Lulju 2013, biex tapplika ghall-ezenzjoni, haga li hija kontestata mill-istess ufficjal stante li l-istess tistqarr li lilha hadd qatt ma infurmaha bit-terminu ta' tletin (30) gurnata *entro* liema wiehed ried jissottometti l-applikazzjoni tieghu ghall-ezenzjoni.

Illi dan it-Tribunal japprezza illi persuna barranija li tkun gejja tirrisjedi Malta jista' jkollha xi diffikulta biex ikollha l-informazzjoni kollha mehtiega dwar ghadd ta' affarijiet li jkollha bzonn taghmel ghall-bdil fir-residenza taghha. Pero` ma jistghax jinghad li f'dan il-kaz ir-rikorrenti kienet b'xi mod zgwidata jew inkella illi l-incident sfortunat li kellha b'xi mod wassal ghall-impossibilita` li hija tissottometti l-applikazzjoni taghha fil-hin. Mix-xhieda taghha johrog car illi hija lanqas biss kienet taf li ghandha tapplika ghall-

[9] Ara Dok MS2 a fol. 4

ezenzjoni u li mliet l-applikazzjoni ghax din giet moghtija lilha! Lanqas ma jidher li hadet wisq interess fl-istess applikazzjoni, li fuqha poggiet il-firma taghha, ghaliex fi kliemha stess qalet li lanqas biss indenjat ruhha taqra l-parti ta' fuq tal-istess applikazzjoni. Dan kollu juri nuqqas kbir u indifferenza da parti tar-rikorrenti. **Jirrizulta illi fl-istess applikazzjoni kien hemm imnizzel car u tond illi l-applikazzjoni riedet tigi sottomessa fi zmien tletin (30) gurnata minn meta l-vettura tasal Malta.**[10] Jekk hija ma taghtx kaz ta' din l-informazzjoni ma tista' taghti tort lil hadd hlief lilha nnifisha. Il-fatt li hija kienet medikament indisposta m'ghandu rilevanza assolutament xejn ghall-kwistjoni odjerna. Hija setghet dejjem tissottometti l-istess applikazzjoni permezz ta' terzi.

Illi ghalhekk jirrizulta ampjament car illi l-applikazzjoni saret oltre t-tletin gurnata msemmija f'Regolament 4 (3) (e) tal-Avviz Legali 6 tal-2012. It-Tribunal jirrileva illi l-Bord kien marbut li jara li l-applikazzjoni kienet tissodisfa **l-kriterji kollha** elenkati fil-ligi biex tinghata l-ezenzjoni. Kjarament it-terminu ta' tletin gurnata huwa wiehed mill-kriterji tassattivi biex tinghata l-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni. Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Bord ma seta' jaghmel l-ebda haga ohra hlief li johrog ir-rifjut ghall-istess ezenzjoni.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet fuq esposti, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u ghalhekk jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-Bord intimat stante li giet irtirata u jilqa l-eccezzjonijiet rimanenti imressqa mill-istess Bord, u kwindi jichad l-appell interpost mir-rikorrenti mid-decizjoni appellata datata 9 ta' Ottubru 2013.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura ikunu a karigu tar-rikorrenti.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

[10] Ara applikazzjoni Dok MS2 a fol. 4